MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Numru. 61/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Kenneth Cutajar bin Emanuel u Lucia nee' Rapa, imwieled Victoria, nhar it-13 ta' Novembru, 1980 u residenti fil-fond Flat 5, Delmar Court, M.A. Refalo, Marsalforn u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27880(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kenneth Cutajar** li gie akkuzat talli nhar talli nhar is-6 ta' Lulju 2010 gewwa Triq il-Port, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex ghall-habta ta' bejn is-saghtejn nieqes kwart u s-saghtejn nieqes ghaxra (01:45hrs – 01:50hrs) ta' fil-ghodu:

a. talli ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PC610 Lawrence Greima waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
b. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC610 Lawrence Grima fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
c. talli l-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC610 Lawrence Grima;
d. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ta' tmienja u hamsin euro (€58.00) ghad-dannu ta' PC610 Lawrence Grima;
e. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ta' mhux aktar minn ghaxar euro (€10.00) ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;
f. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
g. Ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali Kap 9, offenda l-morali l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
h. Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;
i. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-persuna ta' PC610 Lawrence Grima jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-

piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Kenneth Cutajar b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U fl-ahhar il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija l-imsemmi Kenneth Cutajar ihallas lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reati;

Rat l-imputazzjonijiet;
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riafferamta wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni u fid-dawl tal-provi mismugha, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi ddispjacieh ghall-akkadut, izda fuq kollox il-htiega illi l-imputat jeghleb il-vizzju tax-xorb li wasslu ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 91, 95, 96(a), 214, 221, 325(1)(c), 325(1)(d), 338(m), 338(bb), 338(dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien sena mil-lum kif ukoll tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jew huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------